MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 290/2012

**A M**
**vs**
**B M**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

Illi l-esponenti zewweg lill-intimata fil-15 ta’ Novembru 1997 fil-Knisja Parrokjali ta’ Bormla;

Illi l-esponenti ssepara legalment minn ma martu permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Silvana Borg Caruana datat 19 ta’ Mejju 2008 u dana wara li gie awtorizzat sabiex jaghmel hekk permezz ta’ digriet ta’ dina l-Onorabbli Qorti datat 24 ta’ Marzu 2008;

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal jisimhom X M li llum ghandha tnax il-sena u Y M li llum ghandha ghaxar snin;

Illi peress li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti kien diga dikjarat legalment separat b'separazzjoni legali u issa ghaddew sew iktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali;

Illi l-partijiet ma ghandhom ebda pendenza dwar manteniment bejniethom;

Talab, in vista tas-suespost, li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja id-divorzju jew il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqsekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez;

Rat in-nota tal-intimata tas-6 ta' Gunju 2012 li permezz taghha tinforma lill-Qorti li hija ma taqbilx mat-talba rikorrenti da parti ta' zewgha ghad-divorzju stante l-principji morali taghha;

B'dana hija m'ghandhiex tbati l-ispejjez gudizzjarji ta' dawn il-proceduri;

Rat ukoll in-nota tal-intimata ipprezentata waqt is-seduta tat-22 ta' Gunju 2012 illi permezz taghha talbet li tirriverti ghal kunjom xbubita D, kif ukoll illi ulied il-partijiet minuri X u Y jkunu maghrufa bil-kunjom M D;

Il-Qorti rat illi l-avukat difensur tar-rikorrenti ma opponix ghal din it-talba;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Mejju, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lir-rikorrenti jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-19 ta' Mejju 2008;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemmx manteniment dovut lill-intimata u illi huwa dejjem hallas il-manteniment ghal uliedu minuri;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku; tawtorizza lill-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha D, u tawtorizza lill-ulied minuri sabiex ikunu maghrufa bil-kunjom M D.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------